IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2017
COM(2017) 276 final

2017/0115 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi tqal tal-merkanzija għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi

{SWD(2017) 180 final}
{SWD(2017) 181 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Sistema tat-trasport effiċjenti u affidabbli hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u hija settur ewlieni tal-ekonomija. Filwaqt li t-trasport bit-triq għandu l-aktar rwol importanti fis-sistema tat-trasport intern, huwa sors ta' għadd ta' sfidi soċjoekonomiċi u ambjentali (eż it-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja, l-istorbju, il-konġestjoni). L-ipprezzar tat-toroq abbażi tad-distanza jista' jaqdi rwol ċentrali bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, u d-disinn koerenti tiegħu huwa kruċjali biex jiġu żgurati t-trattament ġust tal-utenti tat-triq u l-finanzjament tal-infrastruttura sostenibbli.

Id-Direttiva 1999/62/KE[1] ("id-Direttiva dwar l-Eurovignette") tipprovdi qafas legali dettaljat għall-ħlasijiet imġarrba minn vetturi tqal tal-merkanzija (HGVs) għall-użu ta' ċerti toroq. Id-Direttiva għandha l-għan li telimina d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-impriżi tat-trasport permezz ta' armonizzazzjoni pass pass tat-taxxi fuq il-vetturi u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ġusti ta' impożizzjoni ta' tariffi għall-infrastruttura. Tistabbilixxi livelli minimi ta' taxxi fuq l-HGVs u tispeċifika r-regoli dettaljati tal-pedaġġi għall-użu tal-infrastruttura, inkluż il-varjazzjoni tal-pedaġġi skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi.

Min-natura tagħhom, it-taxxi annwali fuq il-vetturi huma ħlasijiet marbuta mal-fatt li l-vettura tkun irreġistrata f'isem il-kontribwent matul perjodu partikolari u, bħala tali ma jirriflettux xi użu partikolari ta' infrastruttura. Għal raġunijiet simili, it-taxxi fuq il-vetturi mhumiex effettivi bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, jew għat-tnaqqis tal-konġestjoni. Il-pedaġġi, min-naħa l-oħra, huma marbuta direttament mal-użu tat-toroq, u huma aktar xierqa, b'mod konsiderevoli, għall-ilħiq ta' dawn l-għanijiet.

L-applikazzjoni ta' taxxi fuq il-vetturi tirrappreżenta spiża li sa issa l-industrija se jkollha ġġarrab fi kwalunkwe każ, anki jekk l-Istati Membri jimponu pedaġġi. Għalhekk, it-taxxi fuq il-vetturi jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-introduzzjoni ta' pedaġġi.

Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw aktar lok biex inaqqsu t-taxxi fuq il-vetturi, jiġifieri permezz ta' tnaqqis tar-rati minimi stipulati fid-Direttiva 1999/62/KE. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn operaturi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri differenti, jenħtieġ li dan it-tnaqqis ikun wieħed gradwali.

L-inizjattiva tagħti kontribut għall-Programm tal-UE dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) billi ttaffi l-piż assoċjat mat-taxxi minimi fuq l-HGVs.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta qed tiġi ppreżentata flimkien ma' proposta oħra maħsuba biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 1999/62/KE, b'rabta mal-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti, biex b'hekk jiġu ssodisfati aħjar ċerti għanijiet ta' dik id-Direttiva. B'mod partikolari, din il-proposta tal-aħħar tippromwovi l-applikazzjoni ta' pedaġġi, jiġifieri forma ta' tariffa għall-użu tat-triq relatata mad-distanza vvjaġġata.

Din il-proposta hija bbażata fuq l-istess għan fundamentali, jiġifieri l-emendar tal-Kapitolu II tad-Direttiva b'rabta mat-taxxi fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija. L-emenda proposta

[1] Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42-50.

tikkonsisti fi tnaqqis gradwali tar-rati minimi għal żero, li għandu jseħħ f'ħames passi meħuda tul perjodu ta' ħames snin konsekuttivi, b'kull pass minnhom jirrappreżenta 20 % tar-rati minimi attwali. L-intenzjoni hija li jiġi previst inċentiv biex jintużaw tariffi għall-użu tat-triq abbażi tad-distanza, jiġifieri l-applikazzjoni ta' pedaġġi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-inizjattiva hija parti mill-isforz tal-Kummissjoni mmirat lejn il-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija, u minn serje ta' proposti relatati mat-trasport b'emissjonijiet baxxi[2], inkluża r-reviżjoni tar-Regolamenti dwar l-emissjonijiet ta' CO_2 għall-karozzi u għall-vannijiet, proposti għaċ-ċertifikazzjoni u għall-monitoraġġ/għar-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO_2 minn trakkijiet u minn xarabanks u inizjattivi relatati fil-qasam tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari b'rabta mar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi interoperabbli ta' pedaġġ elettroniku u r-regoli dwar is-suq intern għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u s-servizzi tal-xarabanks u tal-kowċis.

It-tibdiliet proposti huma konformi mal-miri stabbiliti bil-White Paper tal-2011 dwar it-trasport[3], li sejħet għal tranżizzjoni lejn l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" kif ukoll tal-prinċipju "l-utent iħallas" sabiex jiġi żgurat trasport u finanzjament tal-infrastruttura aktar sostenibbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażijiet ġuridiċi għad-Direttiva 1999/62/KE huma l-Artikoli 71 u 93 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikoli 91 u 113).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva milquta minn din il-proposta jirrigwardaw it-taxxi fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija, qasam li għalih japplika l-Artikolu 113 tat-TFUE.

Sa fejn huma kkonċernati l-emendi ta' dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva, dawn jaqgħu taħt l-Artikolu 91(1) tat-TFUE u huma indirizzati fil-proposta separata msemmija hawn fuq.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE tikkondividi mal-Istati Membri l-kompetenza tal-irregolar fil-qasam tat-trasport skont l-Artikolu 4(2)(g) tat-TFUE u fil-qasam tas-suq intern skont l-Artikolu 4(2)(a) tat-TFUE. Madankollu, tnaqqis gradwali tar-rati minimi stabbiliti mill-Unjoni jista' jiġi implimentat biss mill-Unjoni nnifisha.

Mingħajr l-intervent tal-Unjoni, l-Istati Membri jibqgħu jkunu obbligati li japplikaw taxxa minima fuq il-vetturi anki jekk ikunu introduċew jew għandhom il-ħsieb li jintroduċu strument iktar xieraq biex jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-infrastruttura, li hija relatata direttament mal-użu individwali tal-infrastuttura. Dan l-obbligu ma jippermettilhomx jikkumpensaw lis-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-istess proporzjon, permezz ta' tnaqqis fit-taxxi fuq il-vetturi, għal spejjeż potenzjalment akbar b'rabta mal-introduzzjoni ta' strument ta' dan it-tip fir-rigward tal-HGVs.

[2] KUMM(2016)501 finali: Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi

[3] KUMM(2011)144 finali: Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti.

- **Proporzjonalità**

Il-miżura proposta tagħti kontribut biss għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti, b'mod partikolari l-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas", u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-għan.

L-emenda mmirata tal-Kapitolu II hija meħtieġa sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jnaqqsu b'mod gradwali t-taxxi fuq il-vetturi tqal tal-merkanzija.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li l-att legali li jrid jiġi emendat huwa Direttiva, fil-prinċipju jenħtieġ li l-att emendatorju jieħu l-istess forma.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni ppubblikat l-evalwazzjoni tagħha tad-Direttiva 1999/62/KE fl-2013[4]. L-evalwazzjoni esterna "Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u tal-effetti tal-politika tal-UE dwar il-pedaġġi għall-użu tal-infrastruttura mill-1995" ġiet ippubblikata f'Jannar 2014[5]. Dawn l-evalwazzjonijiet identifikaw diversi problemi b'rabta mat-tariffi għall-użu tat-triq li jridu jitħallsu minn vetturi tqal tal-merkanzija skont il-qafas leġiżlattiv attwali. Dawk il-problemi jiġu indirizzati kollha permezz ta' proposta parallela għall-emendar tal-Kapitolu III tad-Direttiva, filwaqt li din l-inizjattiva tiffoka biss fuq l-iffaċilitar tal-applikazzjoni ta' tariffi abbażi tad-distanza.

Filwaqt li 24 Stat Membru implimentaw xi forma ta' tariffi għall-użu tat-triq u billi kien hemm it-tendenza li jużaw pedaġġ abbażi tad-distanza tul in-netwerk kollu, din it-tranżizzjoni żviluppat bil-mod u hemm inkonsistenzi persistenti fl-Unjoni kollha. L-evalwazzjoni identifikat differenzi kbar fil-politiki dwar it-tariffi għall-użu tat-triq u kkonkludiet li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fit-tip ta' tariffi (vignettes abbażi tal-ħin jew pedaġġi abbażi tad-distanza) u t-tip ta' teknoloġiji għall-ġbir tat-tariffi li jintużaw iwasslu għal piż amministrattiv u għal spejjeż addizzjonali kemm għall-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll għall-utenti.

Fl-2013 il-Kummissjoni ppubblikat sommarju ta' miżuri, inklużi t-taxxi fuq il-vetturi, li jinternalizzaw jew inaqqsu l-esternalitajiet tat-trasport[6].

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjonijiet li saru mal-partijiet ikkonċernati kienu konformi mal-istandards minimi għall-konsultazzjoni tal-partijiet interessati stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2002 (COM(2002) 704 final).

Intużaw metodi ta' konsultazzjoni miftuħa u mmirati flimkien ma' diversi għodod ta' konsultazzjoni.

---

[4] Evalwazzjoni *ex post* tad-Direttiva 1999/62/KE, kif emendata, dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, SWD(2013) 1 final

[5] http://ec.europa.eu/smart-regulation/evaluation/search/download.do?documentId=10296156

[6] SWD(2013) 269 final, Rapport skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 1999/62/KE

1) Ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika standard miftuħa onlajn ta’ 12-il ġimgħa permezz tas-sit web “Il-Vuċi Tiegħek fl-Ewropa”, li kienet ibbażata fuq kwestjonarji.

Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa saret bejn it-8 ta’ Lulju u l-5 ta’ Ottubru, u ġew aċċettati wkoll kontribuzzjonijiet li waslu tard. Il-kwestjonarji kienu bbażati fuq il-kwistjonijiet li ġew identifikati mill-evalwazzjoni, u inkludew mistoqsijiet dwar kemm huwa ġust l-ipprezzar tat-toroq (taxxi u tariffi).

Il-Kummissjoni rċeviet 135 tweġiba għall-kwestjonarji, kif ukoll 48 dokument addizzjonali. It-tweġibiet koprew firxa wiesgħa ta’ gruppi ta’ partijiet ikkonċernati, inklużi impriżi tat-trasport (42 %), konsumaturi/ċittadini (14 %), awtoritajiet pubbliċi (13 %), l-industrija tal-kostruzzjoni (7 %), assoċjazzjonijiet tat-trasport pubbliku (4 %) u fornituri ta’ servizzi/soluzzjonijiet marbuta mal-pedaġġ (4 %).

2) Matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt saret konsultazzjoni mmirata ma’ partijiet ikkonċernati u speċjalisti speċifiċi, li involviet:

   a) serje ta’ seminars tematiċi mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri li ġew organizzati mill-Kummissjoni matul ix-xhur ta’ Settembru u Ottubru 2015.

   b) Konferenza dwar l-inizjattivi għat-toroq li saret fid-19 ta’ April 2016.

   c) 21 intervista ma’ partijiet ikkonċernati magħżula abbażi ta’ ħtiġijiet speċifiċi b’rabta mad-dejta, li twettqu mill-kuntrattur li ħejja l-istudju ta’ appoġġ tal-valutazzjoni tal-impatt.

Sommarju tal-input li wasal u l-użu tar-riżultati

Il-biċċa l-kbira ta’ dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa kienu tal-fehma li sistemi differenti tat-taxxa u tat-tariffi jistgħu joħolqu distorsjoni fis-suq, u b’hekk urew l-appoġġ tagħhom għall-armonizzazzjoni tal-UE.

Uħud mill-partijiet ikkonċernati kienu tal-opinjoni li l-impożizzjoni ta’ taxxi fuq il-vetturi, fuq naħa waħda, u ta' tariffi għall-użu tat-toroq min-naħa l-oħra, jammontaw għal piż doppju. Il-partijiet ikkonċernati kienu tal-fehma li armonizzazzjoni fl-UE kollha tat-tariffi għall-użu tat-triq tkun soluzzjoni ideali, peress li toħloq kompetizzjoni ġusta minflok tiffavorixxi kumpaniji stabbiliti f’pajjiżi fejn it-taxxi huma aktar baxxi.

Ħafna mill-partijiet ikkonċernati li ġew intervistati enfasizzaw ukoll li jenħtieġ li kwalunkwe żieda fil-ħlasijiet għall-użu tat-triq tiġi kkumpensata permezz ta’ tnaqqis f’taxxi oħrajn relatati mat-trasport.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Id-definizzjoni tal-problema kienet ibbażata fuq evalwazzjonijiet li għamlu użu, b’mod parzjali, ta’ għarfien espert estern (Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u tal-effetti tal-politika tal-UE dwar it-tariffi għall-użu tal-infrastruttura mill-1995, Aġġornament tal-Gwida dwar l-ispejjeż esterni tat-trasport[7]), u kienet kumplementata b’riċerka addizzjonali.

[7] Ricardo-AEA et al (2014), Update of the Handbook on External Costs of Transport: http://ec.europa.eu/transport/themes/sustainable/studies/sustainable_en

Barra minn hekk, fl-2012 twettaq studju li ta ħarsa lejn il-miżuri biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni fit-trasport[8].

Kuntrattur estern għen bi studju ta' appoġġ għall-Valutazzjoni tal-Impatt[9], li ġie konkluż f'April 2017.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-inizjattiva hija appoġġata minn Valutazzjoni tal-Impatt, li ngħatat opinjoni pożittiva b'riżervi mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju. Il-kummenti ġew ikkunsidrati fil-valutazzjoni tal-impatt reveduta, u fl-Anness I tar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ġew inklużi spjegazzjonijiet dwar l-adattamenti. Tqiesu erba' għażliet ta' politika li jirriflettu livell dejjem ogħla ta' intervent regolatorju, li jsegwu lil xulxin (l-ewwel għażla ta' politika sar-raba' għażla ta' politika) u li huma msejsa waħda fuq l-oħra. Il-miżuri relatati mat-tassazzjoni ġew analizzati flimkien ma' dawk relatati mat-tariffi għall-użu tat-triq.

L-ewwel għażla ta' politika (PO1) tinkludi bidliet leġiżlattivi biex jiġu aġġornati biss uħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u biex il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġi estiż għall-xarabanks u għall-kowċis, kif ukoll għall-vannijiet, għall-minibuses u għall-karozzi tal-passiġġieri sabiex jiġu indirizzati l-problemi kollha li ġew identifikati. Il-bidliet marbuta mal-aġġornament tar-rekwiżiti tal-Kapitolu III tad-Direttiva (il-pedaġġi u l-ħlasijiet fuq l-utenti). Il-Kapitolu II ma kienx jiġi affettwat mill-bidliet.

It-tieni għażla ta' politika tinkludi l-eliminazzjoni b'mod gradwali ta' tariffi abbażi tal-ħin għall-vetturi heavy duty bl-għan li jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-emissjonijiet ta' CO_2 u mas-sustanzi niġġiesa permezz ta' użu akbar ta' impożizzjoni ta' tariffi abbażi tad-distanza.

It-tielet għażla ta' politika (bil-varjanti a u b) tinkludi miżuri addizzjonali għall-vetturi ħfief, li jindirizzaw il-konġestjoni interurbana (il-varjanti a u b tat-tielet għażla ta' politika), kif ukoll l-emissjonijiet ta' CO_2 u l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-vetturi kollha (il-varjant b biss tat-tielet għażla ta' politika).

Fl-aħħar nett, ir-raba' għażla ta' politika kieku twassal biex l-impożizzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni jsir obbligatorju għall-vetturi heavy duty, u telimina b'mod gradwali, għall-vetturi kollha, il-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal tariffi abbażi tal-ħin, b'mod li tibqa' disponibbli biss l-impożizzjoni ta' tariffi abbażi tad-distanza.

It-tieni, it-tielet u r-raba' għażla inkludew ukoll il-possibbiltà li t-taxxa annwali fuq il-vetturi għall-vetturi tqal tal-merkanzija titnaqqas għal taħt il-livelli minimi attwali stabbiliti bid-Direttiva f'każ li għalihom tiġi applikata l-impożizzjoni ta' tariffi abbażi tad-distanza fl-Istat Membru partikolari. Il-valutazzjoni tal-impatt sabet li, skont l-għażliet tal-Istati Membri anki f'dak li jirrigwarda l-użu ta' tariffi għall-użu tat-triq abbażi tad-distanza, il-possibbiltà li titnaqqas it-taxxa fuq il-vetturi tista' twassal għal tnaqqis ta' madwar EUR 2 biljun mill-piż fuq l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (meta mqabbel mal-ammont ta' kważi EUR 3 biljun li bħalissa qed jitħallas f'taxxi fuq l-HGVs).

Il-valutazzjoni tal-impatt, li kieku kellha tiġi preżunta sostituzzjoni tal-iskemi ta' impożizzjoni ta' tariffi attwali abbażi tal-ħin bi skemi abbażi tad-distanza fit-tieni, fit-tielet u fir-raba'

---

8 CE Delft et al., 2012, "An inventory of measures for internalising external costs in transport", http://ec.europa.eu/transport/themes/sustainable/studies/sustainable_en

9 Ricardo et al. (2017), Support Study for the Impact Assessment Accompanying the Revision of Directive 1999/62/EC.

għażla ta' politika (fejn l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jimponu ebda tariffa), uriet b'mod ċar li r-raba' għażla ta' politika kienet l-aktar waħda effettiva, allavolja l-benefiċċji tagħha tkun tista' trendihom biss jekk jitħallsu l-ogħla spejjeż. L-ewwel għażla ta' politika tista' tagħti kontribut biss għall-ilħiq b'mod limitat ħafna tal-għanijiet, għalkemm dan tkun tista' tagħmlu prattikament mingħajr ebda spiża. It-tieni u t-tielet għażla ta' politika kienu aktar ibbilanċjati fl-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom, u kieku kienu jiksbu dawk ir-riżultati bi spiża raġonevoli.

Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat il-varjant b tat-tielet għażla ta' politika, jiġifieri l-varjant li jinkludi l-varjazzjoni tat-tariffi għall-vetturi ħfief skont l-emissjonijiet tagħhom ta' CO_2 u l-emissjonijiet tagħhom ta' sustanzi niġġiesa, bħala l-għażla preferuta, possibbilment b'żieda tal-ħtieġa ta' impożizzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni fuq tal-inqas parti min-network għall-vetturi heavy duty, u b'żieda wkoll tal-ħtieġa li l-impożizzjoni ta' tariffi attwali abbażi tal-ħin għall-vetturi ħfief titneħħa b'mod gradwali tul perjodu xieraq biżżejjed. Dawn huma l-miżuri li nżammu f'din il-proposta attwali, li b'hekk tinsab bejn il-varjant b tat-tielet għażla ta' politika u r-raba' għażla ta' politika, iżda tqarreb aktar lejn ir-raba' għażla ta' politika.

Il-varjant b tat-tielet għażla ta' politika u r-raba' għażla ta' politika kieku jnaqqsu l-ispejjeż tal-konġestjoni b'bejn 2,5 % u 6 %, jew b'bejn EUR 9 biljun u EUR 22 biljun, jipprovdu dħul addizzjonali minn ħlasijiet għall-użu tat-triq ta' bejn EUR 10 biljun u EUR 63 biljun fis-sena u jgħinu biex l-investiment fit-toroq jiżdied b'bejn 25 % u 260 % meta mqabbel max-xenarju bażi.

Kieku jnaqqsu l-ammont ta' emissjonijiet ta' CO_2, ta' NO_x u ta' materja partikolata mit-trasport bit-triq b'mod sinifikanti. Dan kieku jwassal għal impatt pożittiv fuq is-saħħa pubblika li jkun proporzjonat mat-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja, u sal-2030 jirriżulta fi ffrankar ta' bejn EUR 370 miljun u EUR 1,56 biljun fi spejjeż b'rabta mat-tniġġis tal-arja u l-aċċidenti, espressi bħala valur attwali.

Il-varjant b tat-tielet għażla ta' politika u r-raba' għażla ta' politika jippermettu li jiġu ġġenerati bejn 62 000 u 152 000 impjieg ġdid f'każ li anki biss 30 % tad-dħul addizzjonali mill-ħlasijiet għall-użu tat-triq jiġu investiti fil-manutenzjoni tat-toroq. Barra minn hekk, l-għażliet kollha kieku jagħtu kontribut għat-trattament ugwali taċ-ċittadini tal-UE billi jnaqqsu bin-nofs il-prezz tal-vignettes għal perjodi qosra.

Il-varjanti a u b tat-tielet għażla ta' politika kieku jżidu l-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija b'1,1 %, filwaqt li ma jwasslu għal ebda bidla fl-ispejjeż tat-trasport tal-passiġġieri. Ir-raba' għażla ta' politika tista' twassal għal żieda fl-ispejjeż tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija b'bejn 1,3 % u 2,0 fil-mija, skont l-użu reali tal-impożizzjoni ta' tariffi abbażi tad-distanza mill-Istati Membri (li magħhom jistgħu jiġu potenzjalment inklużi dawk li bħalissa ma jimponux ħlasijiet għal ċerti kategoriji ta' vetturi). L-awtoritajiet se jkollhom iġarrbu l-ispejjeż għall-iskjerament ta' sistemi ta' pedaġġ ġodda jew għall-espansjoni tas-sistemi eżistenti, li huwa mistenni li għall-Istati Membri kkonċernati b'kollox jammontaw għal bejn EUR 2 biljun u EUR 3,7 biljun sal-2030. L-estensjoni tat-tariffi għall-użu tat-triq għal partijiet ġodda tan-netwerk u għal gruppi ġodda ta' utenti kieku jżidu l-ispejjeż ta' konformità għall-utenti tat-toroq b'bejn EUR 198 miljun u EUR 850 miljun fis-sena mill-2025 'il quddiem.

L-impatti fuq l-SMEs, li magħhom jingħadd ukoll is-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, jiġu limitati minħabba li t-tariffi għall-użu tat-toroq jirrappreżentaw biss perċentwal żgħir tal-ispejjeż totali tat-trasport. Kwalunkwe żieda fl-ispejjeż tista' tingħadda lill-klijenti, jew

inkella tiġi kkumpensata bi tnaqqis fit-taxxa li jista' jsir permezz tal-emendar tal-Kapitolu II tad-Direttiva.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tippermetti lill-Istati Membri jnaqqsu, b'mod gradwali, it-taxxi annwali applikati għall-vetturi tqal tal-merkanzija b'piż mgħobbi massimu permissibbli ta' aktar minn 12-il tunnellata. Din il-bidla, flimkien mal-eliminazzjoni b'mod gradwali proposta ta' sistemi tal-impożizzjoni ta' tariffi abbażi tal-ħin, tista' tiżgura tranżizzjoni mingħajr problemi minn sistema ta' taxxi u tariffi b'rata fissa għal sistema ta' impożizzjoni ta' tariffi abbażi tal-użu li tkun aktar progressiva, proporzjonata u adattabbli.

It-tnaqqis fit-taxxa fuq il-vetturi li titħallas għall-użu ta' HGVs minn operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (li kollha huma SMEs u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, mikroimpriżi) jista' jservi ta' kumpens għat-tariffi għall-użu tat-toroq li potenzjalment jistgħu jiżdiedu b'rabta mal-applikazzjoni ta' skemi abbażi tad-distanza.

Bħala tali, l-inizjattiva jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-industrija tat-trasport tal-merkanzija bit-triq billi tnaqqas l-ispejjeż tas-sjieda għall-operaturi fl-Istati Membri li jiddeċiedu li jnaqqsu t-taxxa fuq il-vetturi. Jekk, wara perjodu tranżizzjonali, Stat Membru jagħżel li jiffissa t-taxxa għal ammont ta' EUR 0, dan kieku jnaqqas ukoll il-piż regolatorju u amministrattiv.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt jinkludi lista ta' seba' indikaturi ewlenin li se jintużaw għall-monitoraġġ tal-progress b'rabta mal-għanijiet ta' politika ewlenin: l-evoluzzjoni tal-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi heavy duty; il-qagħda tal-infrastruttura tat-toroq li tintuża b'pedaġġ; il-proporzjonalità tal-ispejjeż soċjali, u l-kopertura tagħhom mit-tariffi għall-użu tat-toroq; u l-livell ta' konġestjoni fin-netwerk interurban fl-UE.

Sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-leġiżlazzjoni, ikun jeħtieġ li ssir evalwazzjoni metikoluża ladarba l-bidliet kollha jiġu introdotti b'mod gradwali. Il-perjodu ta' ħames snin wara l-applikazzjoni bis-sħiħ tal-qafas il-ġdid kieku jkun perjodu ta' żmien xieraq għal evalwazzjoni ta' dan it-tip. L-effetti ta' passi intermedji jistgħu jiġu evalwati qabel.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, u l-fatt li din temenda biss id-Direttiva 1999/62/KE, li ġiet trasposta bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha, ma jidhirx li huwa ġustifikat jew proporzjonat li jkunu rikjesti dokumenti ta' spjegazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta fiha l-elementi li ġejjin:

Kapitolu II – Titolu

It-titolu tal-Kapitolu II huwa aġġustat biex jirrifletti li l-fatt li l-vetturi tqal tal-merkanzija biss huma kkonċernati mid-dispożizzjonijiet tal-kapitolu wara l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, skont l-emendar parallel tad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva.

Artikolu 3 – Kamp ta' applikazzjoni tat-taxxi fuq il-vetturi

L-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 hija modifikata b'mod li tirreferi b'mod korrett għall-Artikolu 1(a) tad-Direttiva modifikata fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Anness I

Qed jiġi propost li l-Anness I jiġi sottodiviż f'għadd ta' tabelli suċċessivi li jirriflettu t-tnaqqis gradwali tar-rati minimi tul perjodu ta' ħames snin. L-ewwel tabella tikkorrispondi għat-termini attwali tal-Anness I, filwaqt li l-ħames tabelli l-oħra jinkludu ċifri korrispondenti, li kull darba jonqsu b'20 % meta mqabbel mar-rati attwali, fejn applikabbli[10].

[10] Naturalment, mhux qed jiġi propost li jiġu emendati r-rati minimi, li bħalissa huma ffissati għal EUR 0.

2017/0115 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi tqal tal-merkanzija għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[11],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[12],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011[13] il-Kummissjoni stabbiliet mira biex tqarreb aktar lejn l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas", biex jiġi ġġenerat dħul u biex jiġi żgurat il-finanzjament għal investimenti futuri fit-trasport.

(2) Min-natura tagħhom, it-taxxi annwali fuq il-vetturi huma ħlasijiet unilaterali marbuta mal-fatt li l-vettura tkun irreġistrata f'isem il-kontribwent matul perjodu partikolari u, bħala tali ma jirriflettux xi użu partikolari ta' infrastruttura. Għal raġunijiet simili, it-taxxi fuq il-vetturi mhumiex effettivi bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, jew għat-tnaqqis tal-konġestjoni.

(3) Billi huma marbuta direttament mal-użu tat-toroq, il-pedaġġi huma aktar xierqa għall-ilħiq ta' dawn l-għanijiet, u dan b'mod konsiderevoli. Skont l-Artikolu 7k tad-Direttiva 1999/62/KE, l-Istati Membri li jintroduċu ħlasijiet għall-użu tat-triq li jistgħu jipprovdu kumpens xieraq lill-operaturi nazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

(4) L-applikazzjoni ta' taxxi fuq il-vetturi tirrappreżenta spiża li sa issa l-industrija se jkollha ġġarrab fi kwalunkwe każ, anki jekk l-Istati Membri jimponu pedaġġi. Għalhekk, it-taxxi fuq il-vetturi jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-introduzzjoni ta' pedaġġi.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw aktar lok biex inaqqsu t-taxxi fuq il-vetturi, jiġifieri permezz ta' tnaqqis tar-rati minimi stipulati fid-Direttiva 1999/62/KE. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn

---

11 ĠU C , , p. .

12 ĠU C , , p. .

13 Il-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (KUMM(2011) 144 finali).

operaturi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri differenti, jenħtieġ li dan it-tnaqqis ikun wieħed gradwali.

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 1999/62/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 1999/62/KE hija emendata kif ġej:

(1) It-titolu tal-Kapitolu II jinbidel b'dan li ġej:

"Tassazzjoni fuq il-vetturi għall-vetturi tqal tal-merkanzija";

(2) fl-Artikolu 3(1), il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"It-taxxi fuq il-vetturi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 huma kif ġej";

(3) L-Anness I huwa emendat skont kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn . Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President